MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru 668/2012

Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)

vs

Carmelo Dalli
Redent Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 437259M u 425194M rispettivament, akkuzati talli fl-24 ta’ Gunju 2010 ghall-habta tas-6p.m. fuq Sur San Nikola, Bormla:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioè li minghajr hsieb li jolqtu jew li jqeghdu il-hajja ta’ Omar Pisani minn Hal-Tarxien f’perikolu car ikkagunawlu offiza ta’ natura gravi fuq il-

persuna ta’ l-imsemmi Omar Pisani minn Hal-Tarxien, li tista’ ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc.
2. fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ikkagunaw ferita’ ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Omar Pisani minn Hal-Tarxien skond ma ccertifika t-tabib tal-poliklinika ta’ Rahal il-Gdid, Dr. Lara Gerada MD 3011 u t-tabib minn Mater Dei Dr Malcolm Buhagiar MD 8272.
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin cioè , frosta taz-zwiemel, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra l-persuna ta’ Omar Pisani.

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, jew ghal skop ta’ protezzjoni tal-persuni lezi jew ta’ individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat u dan a terminu tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien biex jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Id-dokumenti li huma a disposizzjoni tal-Qorti jattestaw ghall-feriti bhala hfief. Li kien hemm kolutazzjoni bejn l-imputati u certu Omar Pisani huwa fatt. Il-Qorti pero’ wara li fliet l-atti messi a disposizzjoni taghha hi tal-fehma, li nonostante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghhom, ghandha tapplika temperament fil-piena.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 216, 221, 339(d) u 17(d), qeghdha tiddeciedi li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum u ghall-istess zmien tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputati ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------